MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 56/2010

**Matsurv and associates Limited (C-46332)**
**Vs**
**Joyce Dimech**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' mija u disa' ewro u hmistax-il centezmu (€109.15) rapprezentanti servizzi rezi mis-socjeta' attrici ta' *surveying* (Dok A) lil Joyce Dimech kif ezebit mill-pjanta annessa mat-talba bhala Dok.A.

Minkejja li ntbaghtu diversi talbiet ghall-hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez u bl-imghax, u l-konvneuta msejha in subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentax ir-risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis-16 ta’ Novembru, 2010. mill-Avukat Nicole Magro u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr

Illi It-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba ghall-ispejjez, bl-interessi, mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------